MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 175/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Farrugia talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

(1) Fit-8 ta' Jannar 2004 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta

taghrif falz billi ffalsifika n-numru tax-chassis u tal-magna tal-vettura tal-marka Bedford bin-numru tar-registrazzjoni FBY-668 u tal-vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni EBY-507;

(2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi ffalsifika n-numru tax-chassis u tal-magna tal-vettura tal-ghamla Bedford bin-numru tar-registrazzjoni FBY-668 u tal-vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni EBY-507;
(3) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru FBY-668 fuq xarabank tal-ghamla Leyland bin-numru tar-registrazzjoni originali EBY-507, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni FBY-668 fuq vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni originali EBY-507;

(5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fil-body jew fin-numru tax-chassis u tal-magna tal-vettura tal-marka Bedford bin-numru tar-registrazzjoni originali FBY-668 u tal-vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni originali EBY-507;

(6) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni originali EBY-507 (numru tax-chassis originali 'CHMP 538 H 79' u numru tal-magna originali '8640408'), b'numru tar-registrazzjoni falz FBY-668, meta din ma kinitx registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew ma' l-Awtorita` Dwar it-

Trasport Pubbliku, u ma kinitx koperta b'licenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terz persuni;

(7) Kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Marzu 2003, f'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Carmelo Farrugia hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kif ukoll tat-tieni parti tas-sitt imputazzjoni u minnhom lliberatu, izda sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni, il-hames u l-ewwel parti tas-sitt imputazzjoni kif dedotti kontrih u, wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9, ir-regolamenti 17, 18, 26, 27, 31 u 91 ta' l-Avviz Legali 128/94, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104, ikkundannatu ghal sentejn prigunerija liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk jikkommetti reat iehor sa zmien sentejn mid-data ta' dik is-sentenza. Inoltre ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 ordnat il-konfiska tax-xarabank tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni ufficjali EBY-507 favur il-Gvern ta' Malta, izda stante li x-xarabank Bedford FBY-668 illum tappartjeni lill-ADT, ma ordnatx il-konfiska. Fl-ahharnett dwar is-seba' imputazzjoni ordnat li l-atti jintbaghtu quddiem dik il-Qorti li kienet tat is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2003 sabiex tittratta ma' l-imsemmi Carmelo Farrugia ghall-ksur tal-kundizzjoni msemmija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmelo Farrugia pprezentat fl-10 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn huwa gie lliberat u thassarha tannullaha u tirrevokaha fejn gie misjub hati u tilliberah minn kull htija jew piena. Alternattivament, jekk din il-qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm piena, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi imposta piena iktar ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma bazikament tnejn: (1) li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u (2) li, b’referenza ghas-seba’ imputazzjoni, l-appellant qatt ma nghata sentenza kontra tieghu fil-5 ta’ Marzu 2003.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant jirreferi ghall-incertezzi u kontradizzjonijiet rizultanti mill-provi tal-prosekuzzjoni, ghac-certifikazzjoni moghtija mill-ufficjali ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ghax-xarabank li huwa kien ikkonsenja, u ghan-nuqqas ta’ certezza dwar jekk sarx *grinding* fuq ix-*chassis* tax-xarabank in kwistjoni.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu mill-prosekuzzjoni u jkollha tistqarr illi hemm provi konvincenti li jwasslu ghall-htija ta’ l-appellant dwar uhud mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Difatti huwa bizzejjed illi wiehed jirreferi ghad-dokument SM2 li gie esebit mill-Ispettur Stephen Mallia fis-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2004 quddiem l-ewwel Qorti u li dan ix-xhud, li kien l-ufficjal investigattiv kif ukoll l-ufficjal prosekutur, iddeskriva bhala l-istqarrija li rrilaxxjalu l-appellant. L-Ispettur Mallia xehed illi meta interroga lill-appellant, dan “mill-ewwel ammetta bit-tbaghbis li kien ghamel. Ammetta li l-identifikazzjoni tax-*chassis* u tal-*engine number* u kif ukoll ir-*registration number* kienu fil-fatt jappartjenu lix-xarabank li kien ihhendja lura …. Qalli li peress li l-kuntratt li kien ghamel biex jixtri x-xarabank il-gdida kien ilu diversi snin li sar, ix-xarabank li suppost originarjament ihhendja lura lill-awtorita` baqghet tajba u … ddecieda li jihhendja l-hazina.” Dan li qal l-Ispettur Mallia u dak li hemm kontenut fl-istqarrija Dok. SM2 ma gie b’ebda mod kontradett mill-appellant.

Mill-provi fil-fatt jirrizulta illi l-appellant kellu zewg xarabanks, EBY-507 tal-marka Leyland u FBY-668 tal-marka Bedford. Huwa kien applika sabiex jircievi sussidju ghax-xiri ta’ xarabank tal-marka King Long sabiex tissostitwixxi l-Leyland EBY-507 li kellha tigi ceduta lill-

Awtorita`. Meta wasal il-mument biex jikkonsenja x-xarabank, peress illi jidher illi l-Leyland kienet f'kondizzjoni ahjar mill-Bedford, u billi ma setax jaghmel arrangamenti sabiex jikkonsenja l-Bedford, iggrajndja x-*chassis number* fuq il-Bedford u ppuncja n-numru tal-Leyland minfloku. Barra minn hekk jirrizulta li twahhal fuq il-magna tal-Bedford il-*plate* bl-*engine number* tal-Leyland. Lill-Awtorita` huwa mbaghad ikkonsenja l-Bedford bin-numri kollha ta' identifikazzjoni tal-Leyland, inkluz in-numru ta' registrazzjoni EBY-507. Prova cirkostanzjali li certament issahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni tikkonsisti fis-sejbien ta' ritratti fil-garaxx fejn kienet qed tissewwa l-Leyland (issa bin-numri ta' identifikazzjoni tal-Bedford) li juru z-zewg xarabanks bin-numru originali taghhom (ara ritratt Dok. SM4 li juri l-Leyland bin-numru originali EBY-507 u r-ritratt numru 1 fid-Dok. SM3 li juri ritratt tal-Bedford bin-numru originali FBY-668). Bosta mir-ritratti l-ohra fid-Dok. SM3 imbaghad juru carament ix-xarabank maqbuda bil-kitba "Leyland" fuq quddiem u issa bin-numru FBY-668. Inoltre r-ritratti tan-numru tax-*chassis* taz-zewg xarabanks juru sinjali ta' *grinding*.

Konsegwentement l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi u l-ilmenti ta' l-appellant in kwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju huma michuda.

Dwar it-tieni aggravju, u cioe` dwar is-seba' imputazzjoni, din il-Qorti tosserva l-ewwel nett illi l-ewwel Qorti ma ttrattatx ma' l-appellant ghall-ksur ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Marzu 2003 izda ordnat li l-atti jintbaghtu quddiem il-Qorti li kienet tat is-sentenza in kwistjoni sabiex dik il-Qorti tittratta ma' l-appellant ghall-ksur tal-kondizzjoni msemmija. **Dan huwa legalment zbaljat.** L-artikolu 10 tal-Kap. 152[1] kien jipprovdi fis-subartikolu (1) li jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' *probation* jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perijodu ta' *probation* jew matul il-perijodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, dik il-Qorti, **"(a)**

---

[1] U llum l-artikolu 23 tal-Kap. 446.

**jekk tkun l-istess Qorti li kienet ghamlet l-ordni ta'** ***probation*** **jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak ir-reat"**. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu 10 imbaghad jipprovdi li **"il-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Minorenni ghandhom jitqiesu li huma l-istess qorti"**. Mela, galadarba s-sentenza li ghaliha tirreferi s-seba' imputazzjoni kienet sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ewwel Qorti kif kienet komposta kellha tittratta ghall-allegat ksur hi u mhux tibghat l-atti quddiem dik li hi l-istess Qorti izda differentement komposta.

Issa, huwa evidenti li s-seba' imputazzjoni giet dedotta kontra l-appellant peress illi l-fedina penali tieghu tindika li fil-5 ta' Marzu 2003 huwa nghata *conditional discharge* taht l-artikolu 9 tal-Kap. 152 ghal tmintax-il xahar u tqieghed taht *probation* ghal sitt xhur skond l-artikolu 5 tal-Kap. 152. Issa, apparti li din il-Qorti tosserva li persuna ma setghetx[2] titqieghed taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' anqas minn sena peress illi l-perijodu jrid ikun ta' mhux anqas minn sena u mhux aktar minn tliet snin, minn ezami tal-process ma jirrizultax li giet esebita kopja legali tas-sentenza in kwistjoni u wisq anqas li saret il-prova ta' l-identita`. B'hekk ma saritx il-prova mehtiega li fil-konfront ta' l-appellant kienet effettivament inghatat tali sentenza u konsegwentement ma tistax tigi dikjarata l-htija ta' l-appellant dwar tali imputazzjoni.

Waqt is-sottomissjonijiet orali, b'referenza ghall-konfiska ordnata mill-ewwel Qorti, gie suggerit mill-abbli difensur ta' l-appellant illi l-konfiska fir-rigward tax-xarabank Leyland ghandha tkun limitata ghall-magna u mhux ghall-*body*. Din il-Qorti ma tistax taqbel peress illi saret falsifikazzjoni anke fin-numru tax-*chassis* u l-istess xarabank intuzat mill-appellant bin-numru tal-Bedford. Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-konfiska tax-

[2] U l-anqas illum ma tista' taht l-artikolu 7 tal-Kap. 446.

xarabank tal-marka Leyland li originarjament kienet iggib in-numru EBY-507 u li meta nstabet f'garaxx fix-Xemxija kienet bin-numru FBY-668.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tirrevokaha in kwantu ordnat li dwar is-seba' imputazzjoni l-atti jintbaghtu quddiem il-Qorti li kienet tat is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2003 sabiex tittratta ma' l-appellant ghall-ksur tal-kundizzjoni hemm imsemmija, tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkonfermaha fil-kumplament, b'dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------